**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 t'April 2017**

**Talba Nru: 538/16 CZ**

**GO plc**

**vs.**

**Sean McDonnel**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-18 ta' Novembru 2016 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' elf, mitejn u ghoxrin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€1,220.72), dovuti ghal dawn ir-ragunijiet:

Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma kumplessiva ta' elf, mitejn u ghoxrin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€1,220.72), in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40484702.

Illi l-ftehim li permezz tieghu il-konvenut inghata s-servizzi surriferiti sar mas-socjeta' Mobisle Communications Ltd., liema socjeta' giet, b'effett mid-19 ta' Dicembru 2015, amalgamata fis-socjeta' mittenti.

Illi nonostante li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas ta' l-ammont surriferit, dan ta' l-ahhar baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-prezenti rikors.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-6 t'April 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u ghoxrin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€1,220.72) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur